

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 28 IL-FARIZEW U L-MARA MIDIMBA.

(LUQA 7 versi 36 -50)



F'wahda mill-ibliet fil-Galilea fejn Gesu' kien qed jghallem, certu Farizew jismu Xmun resaq fuq Gesu' u stiednu biex imur mieghu d-dar tieghu ghall-pranzu.

Waqt li Gesu' kien qed jiekol ma' Xmun u xi mistednin ohra, dahlet wahda mara li ma kienitx mistiedna. Tat harsa madwarha biex tara fejn kien qieghed Gesu' u malli lemhitu, marret tigri f'riglejh. Quddiemu hija kbiet dnubietha u d-dmugh taghha nizel fuq riglejn Gesu'. Meta ndunat b'hekk hija xxutatlu riglejh b'xaghraha billi xuxitha kienet twila. Anke waslet biex tbuslu saqajh.

Ma kienitx kuntenta b'dan il-gest. Maghha gabet flixkun ta' fwieha tiswa hafna flus, kissritlu ghonqu u dilkitlu saqajh bih. Il-kamra ta' l-ikel intliet kollha fwieha.

Xmun il-Farizew ma kienx jonqos li jafha lil din il-mara ghax kienet mara midimba maghrufa hafna fil-belt. Sema' hafna fuqha hwejjeg li ma tantx kienu sbieh. Tkaza mhux ftit li Gesu' halla lil din il-mara tbuslu riglejh u tidlikomlu bil-fwieha. U f'qalbu qal: "Dan Gesu' ma hu profeta vera xejn. Li kieku kien hekk kien ikun jaf min hi din il-mara. U lanqas biss kien ihalliha tersaq lejh, ahseb u ara tbuslu saqajh."

Gesu' li gharaf il-hsibijiet tal-Farizew qallu: "Xmun ghandi xi haga x'nghidlek."

"Ghidli mghallem qieghed nisimghek."

"Kien hemm ragel sinjur li silef xi flus lil zewgt irgiel fil-bzonn. Lil l-ewwel wiehed silfu somma gmielha filwaqt lit-tieni wiehed silfu somma ckejkna. Meta wasal iz-zmien li jhallsu lura dejnhom, ebda wiehed minnhom ma kien kapaci jaghti lura dak li kien misluf lilhom. Fl-inkwiet li hakimhom resqu ghand is-sinjur biex juruh id-diffikulta' taghhom. Is-sinjur ma gabhiex bi kbira anzi hafrilhom djunhom it-tnejn. Inti min tahseb li minn dawn it-tnejn ihobb l-aktar is-sinjur?"

"Nahseb jiena dak li nhafirlu l-aktar" , wiegeb Xmun.

"Wegibt seww," qallu Gesu' u filwaqt li dar lejn il-mara midimba kompla, " Xmun, meta jiena gejt gewwa darek ma ttrattajtnix bhal mistieden ta' l-unur. Ma tajtnix ilma biex nahsel saqajja imma din il-mara ma waqfitx tahsilhomli bid-dmugh taghha. Ma tajtnix il-bewsa tal-paci imma din il-mara ma waqfitx tbushomli. Ma dliktlix rasi biz-zejt, izda din tefghet zejt prezzjuz fuq saqajja. U ghalhekk nghidlek li dnubieha li huma hafna nhafrulha. Ghaliex hi habbet hafna. Imma dawk li jhobbu ftit, ftit jinhafrilhom."

## RIFLESSJONI

Dawk li juru sobgha jew dispjacir ta' dnubiethom biss jistghu jistennew il- mahfra taghhom minghand Gesu' .

Gesu' ma giex biex jikkundanna lid-dinja izda biex isalvaha. Kull min jiddispjacih mill-htijiet tieghu jaghmel hiltu kollha biex jahrab dak kollu li dari waqqghu fid-dnub. Mhux biss, imma jitlob u jaghmel penitenza biex ipatti kif jista' ghan-nuqqasijiet tieghu.

Alla li jara qalb niedma u sobghiena ma jwarrabhiex minn quddiemu, izda jaghtiha hafna u hafna grazzji biex tibqa' miexja fit-triq it-tajba.